A.L. 207 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Diplomatic Studies taħt il-patroċinju tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Diplomatic Studies taħt l-patroċinju tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Mediterranean Academy of Diplomatic Studies;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Diplomatic Studies; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għad-Diploma in Diplomatic Studies.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2003 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikat fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jestendi fuq medda ta' sentejn ta' studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Matul l-Ewwel Sena tal-Kors, l-istudenti għandhom jiksbu 28 kredtu f':

(a) għadd ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 24 kredtu fl-International Relations and Diplomacy, International Economics, u International Law; u

(b) taqsima studju li tkopri proġett individwali taħt superviżjoni li għaliha hemm assenjati 4 kredti.

(2) Matul it-Tieni Sena tal-Kors, l-istudenti għandhom jiksbu 32 kredtu f':

(b) għadd ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 24 kredtu fl-International Relations and Diplomacy, International and Transnational Economics, u International and Transnational Law; u

(b) taqsima studju li tkopri proġett individwali taħt superviżjoni li għaliha hemm assenjati 8 kredti.

Il-Progress

6. L-istudenti li jiksbu t-28 kredtu assenjati għall-Ewwel Sena u jagħżlu li ma jkomplux għat-Tieni Sena tal-Kors jew, li jonqsu milli jiksbu d-Diploma, ikunu eliġibbli għall-għoti tas-Certificate in Diplomatic Studies.

Il-Klassifika tar-Rikonoxximent

7. L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.